C/2025/5234

25.9.2025

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ M.12123 — NORDIC CAPITAL / PERMIRA / BAVARIAN NORDIC)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2025/5234)

1. Fis-16 ta' Settembru 2025, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Nordic Capital XI Limited ("Nordic Capital", Jersey) li tappartjeni għall-grupp Nordic Capital ta' fondi u veikoli (Jersey),

— Permira Holdings Limited ("Permira", Guernesey),

— Bavarian Nordic A/S ("Bavarian Nordic", id-Danimarka).

Nordic Capital u Permira se jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' Bavarian Nordic kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz ta' offerta pubblika mħabbra fit-28 ta' Lulju 2025.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma li ġejjin:

— Nordic Capital hija kumpanija ta' ekwità privata li tinvesti f'kumpaniji kbar u ta' daqs medju attivi fiż-ŻEE u globalment,

— Permira tipprovdi servizzi ta' ġestjoni tal-investiment lil fondi ta' investiment madwar l-UE u globalment,

— Bavarian Nordic hija fornitur globali ta' vaċċini tal-ivvjaġġar u tforni vaċċini lill-gvernijiet u lill-organizzazzjonijiet internazzjonali b'appoġġ għall-inizjattivi ta' tħejjija għas-saħħa pubblika.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont in-Notifika tal-Kummissjoni dwar trattament issimplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi ([2]) għandu jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fin-Notifika.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar il-konċentrazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja għandha dejjem tiġi speċifikata:

M.12123 — NORDIC CAPITAL / PERMIRA / BAVARIAN NORDIC

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-posta elettronika jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË